ĊENTRU TAL-MEDJAZZJONI GĦAL MALTA

MALTA MEDIATION CENTRE

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta twaqqaf bis-saħħa tal-Att dwar il-Medjazzjoni, 2004 (Kapitolu 474 tal-Liġijiet ta' Malta) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2004.

Iċ-Ċentru ġie stabbilit bl-iskop li jipprovdi forum fejn żewġ partijiet jew aktar jistgħu volontarjament jissottomettu flimkien talba għal medjazzjoni quddiem iċ-Ċentru. Il-Qorti jew kwalunkwe awtorità ta' aġġudikazzjoni oħra jistgħu wkoll jirreferu lill-partijiet sabiex isolvu t-tilwima tagħhom permezz tal-medjazzjoni. Fil-proċess, medjatur akkreditat kif xieraq miċ-Ċentru jaġixxi bħala terza persuna mparzjali bl-għan li jiffaċilita n-negozjati bejn il-partijiet sabiex jgħinhom isolvu t-tilwim tagħhom billi jilħqu ftehim volontarju u f'waqtu.

158, Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta VLT 1176, Malta
Tel: +356 2123 1833
email: info@mediation.mt
www.mediation.mt

## Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR)

Dan l-avviż qiegħed isir sabiex ifakkar lill-pubbliku li proċeduri quddiem il-Qorti mhumiex l-uniku mezz sabiex wieħed jista' jasal fi tmiem ta' tilwima. Għodod oħra legali bħall-Medjazzjoni u l-Arbitraġġ jistgħu iwasslu għal eżitu pożittiv f'ħin aktar malajr.

## Vantaġġi tal-Medjazzjoni

1. Proċeduri quddiem il-Qorti jistgħu jkunu għaljin u jistghu jieħdu fit-tul, bi dritt ta' Appell li jtawwal ulterjorment il-proċess. F'Medjazzjoni, il-partijiet jistgħu jaslu fi ftehim f'ħin aktar malajr.
2. Il-Medjazzjoni mhijiex biss effettiva f'termini ta' ħin, iżda hija wkoll effettiva f'termini ta' nfiq. Fil-fatt, il-Medjazzjoni hija inqas għalja mill-Proċedimenti Ġudizzjarji u mill-Arbitraġġ.
3. F'kawża quddiem il-Qorti, huwa l-Qorti li għandu l-kontroll esklussiv tal-proċeduri u tas-sentenza. F'Medjazzjoni, huma l-partijiet li jibqgħu jżommu l-kontroll tat-tilwima u jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu tal-ftehim. F'Medjazzjoni u fl-Arbitraġġ, il-perjodi preskrittivi jibqgħu sospiżi.
4. Il-proċeduri tal-Qorti jinstemgħu fil-pubbliku. Il-proċeduri tal-Medjazzjoni jinstemgħu fil-privat u jibgħu strettament kunfidenzjali.
5. F'proċeduri quddiem il-Qorti, il-partijiet qegħdin jikkonfrontaw lil xulxin. F'Medjazzjoni, il-partijiet xorta jistgħu jzommu relazzjonijiet u jikkoperaw ma' xulxin – minkejja l-fatt li jista' jkollhom tilwim bejniethom – fejn il-partijiet jistgħu jifhmu lil xulxin u jippruvaw jirrisolvu d-differenzi tagħhom billi jsibu soluzzjonijiet.
6. F'kawża quddiem il-Qorti, l-Imħallef jew il-Ġudikant mhux dejjem ikun speċjalizzat fis-suġġett tat-tilwima. F'Medjazzjoni, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-medjatur u jistgħu wkoll jagħżlu l-medjatur b'mod li jkun speċjalizzat fis-suġġett.
7. F'kawża quddiem il-Qorti, il-Qorti tista' tagħżel espert. F'Medjazzjoni, il-partijiet jistgħu jappuntaw espert tal-għażla tagħhom.

*Dan huwa fuljett promozzjonali*